Dr. Ryan C. Pace LL.B., LL.D.

A D V O C A T E

ryan_pace@hotmail.co.uk



19 ta' Ottubru, 2026

Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi
info.pcrb@gov.mt

RE: CT3026/2024 – Design and Build of Two Utility Scale Battery Energy Storage Systems at the A-Station Tunnel in Marsa and at Delimara Power Station in an Environmentally Friendly Manner

Nikteb għan-nom ta' BESSUI JV sabiex inressaq din l-oġġezzjoni dwar id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Kuntratti) datata 9 ta' Ottubru 2026 u permezz ta' liema l-appellant ġie mgħarraf illi *"the offer submitted by your company was found to be technically non-compliant"*.

Id-deċiżjoni hawn fuq ċitata tkompli billi tfisser illi *"[t]he procurement was recommended for cancellation since no offers satisfying the administrative and technical criteria were received."*

Illi l-appellant ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk qiegħed jinterponi din l-umli oġġezzjoni u appell minnha.

Jingħad mingħajr tlaqlieq illi din id-deċiżjoni, tħares minn fejn tħares lejha, hi manifestament ħażina. Ħażina mhux għaliex hemm xi dubju illi hija fid-diskrezzjoni ta' awtorità kontraenti illi tagħżel jekk tkomplix, jew le, għaddejja b'sejħa għall-offerti. Ħażina għaliex, fil-kuntest ta' offerta valida u konformi mil-lat tekniku bħal ma hi dik sottomessa mill-konsorzju appellant, deċiżjoni bħal din ma tista' qatt tkun waħda ġustifikata.

Kif sew ngħad fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell datata 8 ta' April 2025 fl-ismijiet ***Agius Stone Works Limited v. Kunsill Lokali Valletta u d-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti*** (Rikors Numru 65/2025/1): *"Joqgħod hawnhekk dak li ngħidu fil-qawl Malti li: Bil-jekk u bil-jewwilla ma timla ebda bixkilla. **Tassew deċiżjoni estrema ta' tħassir ta' sejħa għandha tissejjes fuq fatti oġġettivi u mhux ħsibijiet mistħajla.**"* Fil-fatt, il-Qrati tagħna konsistentement irritenew (*vide* fost l-oħrajn ***Cherubino Limited (C-3677) v. Central Procurement and Supplies Unit u Dipartiment tal-Kuntratti*** [Rikors Numru 214/2024/1; deċiża fit-3 ta' Settembru

2024]) illi biex *"deċiżjoni estrema ta' tħassir ta' sejħa"* titqies ġustifikata, irid jintwera b'mod oġġettiv illi tali kienet tassew meħtieġa.

Issa t-test tal-ħtieġa li jitkellmu dwaru l-Qrati ta' pajjiżna, id-deċiżjoni mertu ta' din l-oġġezzjoni tfallieh fuq żewġ binarji. Tfallieh, qabel xejn, għaliex **mhuwiex assolutament minnu** (kif ser jintwera f'din l-oġġezzjoni u wkoll waqt il-proċeduri f'dan l-appell) illi *"no offers satisfying the administrative and technical criteria were received"* – l-offerta tal-konsorzju appellant hi waħda teknikament konformi. Però din id-deċiżjoni tfalli t-test tal-ħtieġa wkoll għaliex tikkozza bl-iktar mod lampanti mad-direzzjoni strateġika illi qed jieħu l-Gvern Malti fil-ħidma fejjieda tiegħu li jindirizza l-isfidi kbar tal-enerġetika. L-appellant isibha diffiċli ferm biex jagħmel sens minn deċiżjoni ta' awtorità kontraenti li, fix-xhur sajfin meta l-ħtieġa għall-proġett dehret l-aktar ovvja, ħabirket u stinkat biex issib 'raġuni' biex teskludieh minn proġett (**li r-rakkomandazzjoni dwaru issa hi li jiġi kanċellat**) li jista' jeleva lill-pajjiż mill-problemi enerġetiċi illi għandu. Għaldaqstant, mhuwiex eżattament ċar fl-aħjar interess ta' min qiegħed jiġi rakkomandat it-tħassir.

F'konformità ma' dak li trid u tgħid il-liġi u l-*General Rules Governing Tenders*, l-awtorità kontraenti fissret (taqbilx jew le magħha hija mbagħad storja totalment differenti) x'wassalha tirrakkomanda t-tħassir tas-sejħa għall-offerti. Kienet sewwasew **raġuni waħda** illi kkonvinċietha tikkonkludi illi l-aħjar triq – **naturalment dejjem skontha** – hija dik ta' kanċellament. Fil-fehma (*del resto* żbaljata) tagħha, *"no offers satisfying the administrative and technical criteria were received."* Ladarba, allura, din hija l-unika raġuni li wasslet lill-awtorità kontraenti biex tiddeċiedi kif iddeċidiet, isegwi illi jekk kemm –il darba jiġi ppruvat illi l-offerta tal-konsorzju appellant kienet tassew teknikament konformi (kif fil-fatt hi), l-unika raġuni li sawwret id-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti tiżvinta u l-pajjiż ikun f'qagħda li jirċievi proġett ta' importanza strateġika nazzjonali li tant għandu bżonn.

Issa l-awtorità kontraenti deherilha illi jeżistu tliet raġunijiet għala l-offerta tal-konsorzju appellant għandha titqies teknikament mhux konformi: i) ma ġietx ipprovata l-konformità mal-i*standards* UL 9540, UL 9540A u UN 38.3; ii) ma ġietx ipprovata l-ekwivalenza tal-i*standard* GB/T 29332-2012 mal-i*standard* IEC 60747; u iii) ma ngħatatx dokumentazzjoni adegwata li tikkonferma illi l-*ABB ZX2 main 33kV (Medium Voltage System Control Gear)* huwa konformi mal-i*standards* IEC 61439 u IEC 60376.

L-appellant jifhem illi l-Kumitat Evalwattiv, kompost minn uffiċjali pubbliċi li huma mgħobbija b'diversi responsabbiltajiet lil hinn mill-evalwazzjoni ta' din is-sejħa għall-offerti, kien tenut jifli volumi sħaħ ta' dokumentazzjoni sottomessa minn oblaturi differenti. Biss bir-rispett kollu, il-Kumitat Evalwattiv ħa ħinu biex jagħmel dan, u tenut it-trapass taż-żmien li għadda sakemm waslu għad-deċiżjoni tad-9 ta' Ottubru, ma jista' qatt u qatt jifhem kif mid-dokumentazzjoni sottomessa minnu, il-Kumitat

Evalwattiv seta' qatt, jekk mhux bi traskuraġni u b'evalwazzjoni ħorrox borrox, jasal għall-konklużjonijiet li wasal għalihom. Dan għar-raġunijiet li ġejjin:

L-Ewwel Raġuni ta' Skwalifika – Allegat nuqqas ta' prova dwar il-konformità mal-*istandards* UL 9540, UL 9540A u UN 38.3

Hawnhekk, l-awtorità kontraenti tinsisti illi, riferibbilment (u limitatament) għall-*istandards* UL 9540, UL 9540A u UN 38.3, *"the Evaluation Committee* ***was unable to verify compliance*** *with the requirements of Section 3.7 of the Tender Document."* Dan peress li *"the bidder failed to submit a full copy of the latest edition, complete and in the English language for standards UL 9540, UL 9540A u UN 38.3"*. Mad-daqqa t'għajn, għal xi ħadd li ma għandux viżibilità tad-dokumentazzjoni sottomessa, din il-konklużjoni ma tidhirx irraġjonevoli. Biss għal dawk, **bħall-membri tal-Kumitat Evalwattiv**, li kellhom viżibilità tad-dokumentazzjoni sottomessa, din il-konklużjoni hi assurda.

Dan għaliex l-appellant ma ġiex penalizzat talli ma ppreżentax dokumentazzjoni imma addirittura ġie penalizzat għaliex, għax fehem l-importanza strateġika nazzjonali tal-proġett u għax ried iserraħ – **mar-radda tas-salib** – ras l-awtorità kontraenti li hu oblatur serju u dak li qed jippromietti issa, tabilħaqq jista' jwettqu (xi ħaġa li l-anqas il-liġi stess, kif interpretata minn skorta sħiħa ta' ġurisprudenza, ma tirrikjedi), taha dokumentazzjoni **mhux li tikkommetti li jekk jieħu l-kuntratt hu, jagħtiha prodott konformi imma li tikkonferma li l-prodott li offrielha mal-mument li tefa' l-offerta lura fi Frar 2025 kien ġja konformi!** Li kieku l-appellant kellu jingħata l-kuntratt, allura, huwa m'għandux għalfejn jitlaq tellieqa mal-ħin biex jottjeni ċertifikazzjoni ta' konformità imma jista' jitlaq mill-ewwel bl-implimentazzjoni u l-installazzjoni ta' dak offrut minnu għax il-prodott tiegħu huwa ġja konformi.

Kemm hi tajba din! Oblatur li rsista biex iġib prodott iċċertifikat minn issa għall-iskop meħtieġ spiċċa tkejjel bl-istess kejl ta' oblaturi oħra li taw biss *commitment* li, meta jasal il-waqt, jassiguraw li joffru prodott li jkun hekk iċċertifikat. Il-Kumitat Evalwattiv l-anqas biss fehem, jew inkella njora kompletament, li ċ-ċertifikazzjoni, it-*test reports* u t-*test summaries* li pprovda l-appellant huma l-aqwa garanzija li setgħu jottjenu f'dan l-istadju. Jekk tridx, l-i*standards* (inkluż id-dettall tal-verżjoni tagħhom li jirriflettu t-tfiegħ tal-offerta) jemerġu minn din id-dokumentazzjoni nnifisha.

Issa jekk il-Kumitat Evalwattiv deherlu li kellu jinsisti dwar għotja ta' dokumentazzjoni inferjuri (biex insejħulha hekk), ħadd ma kien sidu li jitlob kjarifika. B'daqshekk, ma kienx se jkun qed jipprova jsalva xi offerta nsalvabbli, xi ħaġa li l-Qorti tal-Appell kemm –il darba vvjetat. Fil-każ ta' llum, l-awtorità ma kinetx qed titratta ma' xi oblatur traskurat li qed jipprovdi dokumentazzjoni sporadika. Għall-kuntrarju, il-każ ta' llum *si tratta* oblatur li mexa b'mod diliġenti ferm aktar milli messu, xi ħaġa li kull min hu b'xi mod involut fid-demanju tal-akkwist pubbliku, irid u ma jridx, ikollu jammetti illi saret rarità.

Jekk dan se jkun il-kejl li bih inkejlu oblaturi serji (bi tkasbir tal-prinċipju tal-proporzjonalità), b'dispjaċir ikollna nammettu li, fl-ewwel lok, qed jiġi faċilitat ambjent li fih jiffjorixxi d-dilettant, u fit-tieni lok, li ntilfet l-abilità li titmexxa proċedura kompetittiva sura ta' nies u, saħansitra agħar minn hekk, li jitwassal proġett ta' mportanza nazzjonali.

It-Tieni Raġuni ta' Skwalifika – Allegat nuqqas ta' prova dwar l-ekwivalenza bejn l-i*standard* GB/T 29332-2012 u IEC 60747

Skont dak li jemerġi mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Kuntratti) datata 9 ta' Ottubru 2026, jidher illi din ir-raġuni ta' skwalifika hi mnissla mill-fatt illi *"the Evaluation Committee **was unable to validate the claimed equivalency between the two standards**"*. Jiġi rilevat illi b'reazzjoni għat-talba għar-rettifika kif komunikata mill-awtorità kontraenti, l-appellant ipprovda dokument, emess mis-*suppliers* tiegħu, li fl-ewwel paġna jaqra testwalment dan li ġej:

> The GBT 29332-2012 standard cites the IEC 60747-9: 2007 standard and is officially issued by the PRC Standardization Administration. This GBT 29332-2012 test standard is equivalent to the IEC 60747-9: 2007 standard.



Issa d-dokument tas-sejħa ħaseb speċifikatament għal dawk iċ-ċirkostanzi meta oblatur jagħżel li jipprovdi *standards* ekwivalenti għal dawk elenkati fl-imsemmi dokument u ppreskriva, bl-aktar mod ċar u inekwivoku, illi:

> *Other internationally acceptable standards that ensure equivalent, or higher, quality may be considered. **It will be the responsibility of the respective Economic Operators to prove that the standards, brands or labels they quoted are equivalent to the standards requested by the Contracting Authority.***

It-*tender* jobbliga lill-oblaturi illi, kull fejn jippproponu *standard* ekwivalenti għal xi wieħed minn dawk imsemmija fid-dokument tas-sejħa (f'paġni 55 sa 60), huma għandhom iressqu prova li tikkonferma tali ekwivalenza. It-*tender* imkien ma jesiġi dik it-tip ta' prova x'għandha tkun u fiż-żgur illi ma jobbligax lill-oblaturi illi jipprovdu,

kif bħal donnha qed tipprova tagħti l-impressjoni l-awtorità kontraenti, *"a copy of the latest version of GB/T 29332-2012"*. Għad li ser jingħad l-ovvju, l-awtorità kontraenti ma tistax tħalli (fid-dokument tas-sejħa) lill-oblaturi fil-libertà illi jressqu dik il-prova li l-aktar jidhrilhom xierqa sabiex jikkonfermaw l-ekwivalenza ta' *standard* iżda mbagħad, x'ħin tiġi biex tixtarr dak sottomess, tiskwalifikahom għax skontha l-prova li kellha tinġieb kienet waħda.

Fil-fehma tal-konsorzju appellant, il-prova li ressaq hu sabiex jikkonferma l-ekwivalenza tal-i*standard* minnu propost kienet l-aħjar waħda li seta' jġib (direttament mis-*supplier*). Id-dokument tas-sejħa kien jippermettilu li jressaq dik it-tip ta' prova u l-interpretazzjoni li jidher li adottat l-awtorità kontraenti fl-evalwazzjoni tal-offerta tiegħu mhux biss mhijiex sorretta mid-diċitura preċiża li ntużat fid-dokument imma addirittura tikkonferma illi l-Kumitat Evalwattiv mar lil hinn minn dak li kien jippreskrivi t-*tender* u żied kriterju minn żniedu. B'hekk ġie li aġixxa lil hinn mis-setgħat mħollija lilu mil-liġi, bi ksur lampanti tal-prinċipju sagrosant tal-*self-limitation*.

Mingħajr ebda ħsara għas-suespost, imbagħad, l-anqas mhu ċar kif l-awtorità kontraenti waslet għall-konklużjoni illi dak sottomess mill-konsorzju appellant mhuwiex riflessjoni tal-i*standard* in kwistjoni. Hu evidenti li din ir-raġuni, bħal dik ta' qabilha, ma tiswiex.

It-Tielet Raġuni ta' Skwalifika – L-għotja ta' dokumentazzjoni li allegatament ma tikkonfermax il-konformità tal-*ABB ZX2 main 33kV (Medium Voltage System Control Gear)* mal-i*standards* IEC 61439 u IEC 60376

Skont l-awtorità kontraenti, l-appellant hawnhekk *"failed to submit supporting documentation corroborating compliance of the ABB ZX2 main 33kV (Medium Voltage System Control Gear) being proposed with IEC 61439 and IEC 60376"*. *Inoltre*, tkompli billi żżid illi l-appellant *"failed to identify and substantiate any alternative internationally recognised standard that could be considered equivalent to, or better than, the requirements stipulated in the Tender Document."* M'hemm xejn, **ħlief ammissjoni da parti tal-Kumitat Evalwattiv li d-dokumenti ppreżentati mill-appellant fir-rigward ta' din il-parti tat-talba għar-rettifika ma rawhomx**, li tista' qatt tispjega din il-konklużjoni.


B'reazzjoni għat-talba għar-rettifika li saret mill-awtorità kontraenti b'riferenza għal din ir-raġuni ta' skwalifika, il-konsorzju appellant wieġeb billi ssottometta dawn it-tliet dokumenti li ġejjin:

- DECLARATION OF COMMITMEN-ABB.pdf
- Safe SF6 36kV Catalogue (IEC 62271-200).pdf
- Technical Catalogue TK502-22 - ZX2.pdf

Ħarsa ħafifa lejn dawn id-dokumenti, partikolarment id-dikjarazzjoni emessa u ttimbrata mis-*supplier* tal-appellant, hi biżżejjed biex tikkonferma illi dak li kien qed joffri l-konsorzju BESSUI JV kien prodott pjenament konformi mal-i*standards* IEC 61439 u IEC 60376. Il-fatt li l-awtorità kontraenti tixlieh li ma identifikax *standards* ekwivalenti hi l-iprem konferma li għadha s'issa l-anqas biss taf li dak li kien qed joffri kien skont l-i*standards* elenkati minnha u li l-anqas biss kienet qatt teżisti l-ħtieġa li jelenka *standards* ekwivalenti. Biex ma tafx, bilfors għax ma ġietx eżaminata d-dokumentazzjoni sottomessa.

U jekk il-Kumitat Evalwattiv ma rnexxilux jara dikjarazzjoni ta' żewġ faċċati, ikun qed jistenna wisq il-konsorzju appellant jekk jippretendieh li fela bir-reqqa iż-żewġ katalgi l-oħra. Li kieku flihom, però, dlonk kien jinduna bid-dikjarazzjoni tal-kumpannija (fid-dokument li jġib l-isem *Safe SF6 36kV Catalogue*) li b'mod mill-aktar kategoriku taqra dan li ġej:

> The products meet all requirements
> specified below.
> IEC62271-200, IEC61243, IEC60044, IEC
> 61439, EN 50181, IEC60480, IEC60376, IEC
> 62586-1/2, IEC61000-4-30, IEC62053-22



Kull kumment ieħor hu superfluwu.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, BESSUI JV, filwaqt li jirriserva li jressaq dawk il-provi kollha opportuni waqt is-smiegħ ta' din l-oġġezzjoni u appell, jitlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jilqa' din l-oġġezzjoni u per konsegwenza:

i. iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Kuntratti) datata 9 ta' Ottubru 2026 sa fejn din qieset l-offerta tal-konsorzju BESSUI JV teknikament mhux konformi;
ii. iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Kuntratti) datata 9 ta' Ottubru 2026 sa fejn din tolqot it-tħassir tas-sejħa għall-offerti CT3026/2024;
iii. jiddikjara li ma jeżistux l-elementi rikjesti mil-liġi li jimmeritaw it-tħassir tas-sejħa għall-offerti CT3026/2024 u għalhekk jordna li l-istess sejħa għall-offerti ma tiġix kanċellata;
iv. jordna r-reintegrazzjoni tal-offerta ta' BESSUI JV fil-proċess;
v. jordna dawk l-azzjonijiet kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni tat-talbiet hawn fuq premessi;
vi. jordna li d-depożitu imħallas minn BESSUI JV quddiem dan l-Onorabbli Bord jintradd lura fl-intier tiegħu.

Finalment, l-appellant jikkonferma illi d-depożitu fis-somma ta' €50,000 meħtieġ in konnessjoni mal-intavolar ta' din l-oġġezzjoni, tħallas.

Bl-ispejjeż.

Dr. Ryan C. Pace

HSBC

Eurozone-SEPA payment

You have repaired this payment
The status for payment 10877KA014P2 is: Pending authorisation

Debit account

Pay from	UNITED EQUIPMENT CO LTD TD MT MTHBMTCA043-002187-001 EUR
Debit currency	EUR

Payment details

Expected value date	Tue 13 Oct 2026 This is the date we expect to debit your account. We'll send the payment instantly with immediate confirmation. Please ensure that the debit account has enough funds, otherwise the payment will be rejected.
Payment service	SEPA Credit Transfer Instant
Your payment reference	CT3026/2024

Transactions

Entry	Beneficiary	Transaction information	Amount (EUR)
1	Beneficiary name: Cashier Malta Government IBAN: MT55MALT011000040001EURCMG5001H Reference: Cashier Malta Government	Purpose of payment: GOVT GovernmentPayment||Transaction is a payment to or from a government department. Remittance information: Depost pymt re appeal relating to CT3026/2024	50,000.00

Batch Summary

Total entries	1
Batch amount	EUR 50,000.00